# IL-PJAN TAL-LEZZJONI 1.7

**Kap 1:Id-Dinja Sabiħa**

**Lezzjoni 1.7 – Napprezzaw u nieħdu ħsieb l-ambjent ta' madwarna!**

**L-Għanijiet:**

**L-istudenti:**

1. Permezz ta' San Franġisk jiftakru kemm għandna nħobbu lil ta' madwarna.
2. Japprezzaw aktar is-sbuħija ta' madwarhom.




**Ir-riżorsi għal-lezzjoni:**

- *Video clip - Ġurnata f' ħajjet San Franġisk:* http://www.youtube.com/watch?v=JtSvwOOOTBI

- *It-talba ta' San Franġisk:* http://www.youtube.com/watch?v=cXyYm1yIL-g&list=PLDD6730E16A9F4040

- *Action Song - Let the love flow:* http://www.youtube.com/watch?v=V2nCsYDRjF4

- *Karta ta' Taħrig Addizzjonali : S*abiex nagħmlu *bookmark* bit-talba ta' San Franġisk.



## Naqsmu flimkien – L-introduzzjoni u d-diskussjoni tal-bidu

- Ilqa' lit-tfal u staqsihom: Tafu ssemmu xi nies li tant ħadmu u għenu lil ta' madwarhom?
- Niżżel dak li jsemmu t-tfal.
- Fakkarhom kif fl-ewwel sena, tkellmu ħafna dwar San Franġisk u l-imħabba tiegħu lejn l-annimali.
- Spjega kif San Franġisk kien ġej minn familja sinjura pero' ħalla kollox biex jgħix fil-faqar u jkun aktar qrib Alla. Spjega kif San Franġisk ħadem ħafna sabiex iġib il-paċi u jħobb lil ta' madwaru.



## Nisimgħu flimkien (Il-qafas tal-lezzjoni)

- Uri l- *video* dwar ġurnata f' ħajjet San Franġisk:

http://www.youtube.com/watch?v=JtSvwOOOTBI

- Staqsi lit-tfal:
  - Fejn mar San Franġisk? Waħdu mar?
  - Min mar miegħu?
  - Fit-triq, ma' min iltaqgħu?
  - Kif ġabu ruħhom ma' dawk li ltaqgħu magħho?
  - Kif għenuhom? Kif ferrħuhom?
  - Dawk li ltaqgħu ma' San Franġisk; kif ħassewhom wara?



- Stieden lit-tfal biex ikantaw u jagħmlu l-azzjonijiet mad-diska:

  *Let the love flow:* http://www.youtube.com/watch?v=V2nCsYDRjF4

- Spjega kif minbarra l-imħabba tiegħu lejn il-proxxmu, San Franġisk kien iħobb ħafna l-ambjent u l-annimali.
- Iddiskuti mat-tfal dawn il-mistoqsijiet:
    - X' għandna nagħmlu aħna sabiex nieħdu ħsieb aktar l-ambjent? ...Ma nħammġux, nirreċiklaw, nieħdu ħsieb aktar l-ambjent u l-ġonna pubbliċi, ma naħlux dawl u ilma, innaqqsu t-tinġis fl-arja...
    - X' għandna nevitaw sabiex ma nagħmlux ħsara?...ħmieġ, tkissir, vandaliżmu, l-iskart, id-dħaħen...
    - Kif nistgħu nħobbu aktar lill-annimali u noffrulhom ħajja aħjar?
- Semma lit-tfal it-talba ta' San Franġisk u jaraw l-istampi li juru eżatt il-messaġġ ta' San Franġisk:

http://www.youtube.com/watch?v=cXyYm1yIL-g&list=PLDD6730E16A9F4040

- Ikkonkludi billi tispjega lit-tfal dwar kif se jagħmlu l-*bookmark* bit-talba ta' San Franġisk.

**Nikbru flimkien (Il-punti saljenti tal-lezzjoni)**

1. San Franġisk dejjem fittex li jħobb u jgħin lill-proxxmu tiegħu.
2. Bħal San Franġisk, aħna għandna dejjem inħobbu lil ta' madwarna.
3. L-aħjar messaġġ jitwassal lill-oħrajn permezz ta' dak li nagħmlu u mhux biss b' dak li ngħidu.



## Nagħżlu flimkien (L-attitudni)



L-istudenti jaħsbu f'modi kif jistgħu jgħinu lill-oħrajn, speċjalment lil dawk li huma l-aktar qrib tagħhom. Jgħinu lill-oħrajn anke billi jaħdmu ħalli jġibu l-paċi.

## Niċċelebraw flimkien xi kant /drama/ DVD ecc

Ejjew inkantaw *Let the love flow*:
http://www.youtube.com/watch?v=V2nCsYDRjF4



## Nitolbu



Mulej, għinni sabiex bħal San Franġisk inkun strument tal-paċi tiegħek. Tini l-kuraġġ biex jien naħdem sabiex ikollna l-bidla għal soċjetà aħjar fejn ikollna aktar għaqda u imħabba. Għinni Mulej!